**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 3 ta' Novembru 2016**

**Pulizija**

**Spettur Roderick Agius**

**Vs**

**Steven Sebastian Bezzina et**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra **Steven Sabastian Bezzina** ta' 26 sena bin Joseph u Doris nee' Farrugia, imwieled l-Awstralja, fis-17 ta' Lulju 1988, residenti 6, Triq il-Gdida, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 216897M;

U **Joseph Bezzina** ta' 59 sena bin Peter u Lorenza nee' Borg, imwieled nhar is-27 ta' Gunju 1956, residenti 6, Triq il-Gdida, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 432456M;

Talli nhar il-21 ta' Mejju 2015, ghall-habta tas-19:30hrs gewwa Pjazza Narbona, Hal Qormi w f'dawn il-Gzejjer:

1) Minghajr il-hsieb li joqtlu jew jqieghdu l-hajja ta' Ephraim Bezzina u/jew persuni ohra f'periklu car, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ephraim Bezzina u/jew persuna ohra, liema griehi gew certifikati bhala gravi minn Dr. Jeffrey Bonnici Med Reg 3214 u Dr. Alistair Bezzina Med Reg 3559;

2) U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-buon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru, 2016, fejn gie ipprecizat li l-imputat Stephen Sebastian Bezzina seta' kien responsabbli ghall-feriti hfief f'dan l-incident, mentri l-feriti gravi kienu attribwibbli ghall-imputat l-iehor, Joseph Bezzina, li kien miet fil-mori tal-kawza.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-3 ta' Novembru 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata iz-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 392A kif emendat, bl-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet ghalhekk tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat **Stephen Sebastian Bezzina** hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**